



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9229/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0133 (NLE)

EPPO 18
COPEN 179
FIN 415
GAF 21
CSC 178

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-
bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill
(UE) 2017/1939

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta'

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696
dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti
fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

Billi:

- (1) L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għe stabbilit biex jinvestiga, jagħmel prosekuzzjoni u jressaq quddiem il-ġustizzja l-awturi u l-kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li l-Kunsill jaħtar kull Prosekutur Ewropew minn fost tliet kandidati kwalifikati nnominati minn kull Stat Membru wara li jkun irċieva opinjoni motivata mill-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) ta' dak ir-Regolament.
- (3) L-għażla u l-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej, li flimkien mal-Kap Prosekutur Ewropew jiffurmaw il-Kulleġġ tal-UPPE, huma prerekwiżit għall-istabbiliment tal-UPPE.
- (4) Fil-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696¹ li tistabbilixxi r-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla ("ir-regoli ta' ħidma") previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1939.

¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 282, 12.11.2018, p. 8).

- (5) Ir-Regola VI.2 tar-regoli ta' ħidma tipprevedi li malli jirċievi n-nomini, il-bord tal-għażla janalizzahom fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Il-bord tal-għażla jisma' lill-kandidati nominati. Is-smigħ isir bil-preżenza fiżika. Fl-eventwalità li kandidat nominat jirtira n-nomina tiegħu qabel ma jseħħ is-smigħ, il-bord tal-għażla, permezz tas-segretarjat tiegħu, jitlob li l-Istat Membru kkonċernat jinnomina kandidat ġdid.
- (6) Ir-Regola VII.2 tar-r-regoli ta' ħidma tipprevedi li l-bord tal-għażla, abbażi tal-konklużjonijiet tiegħu matul l-analiżi u s-smigħ, għandu jiformula opinjoni dwar il-kwalifiki tal-kandidati biex jaqdu d-dmirijiet ta' Prosekuturi Ewropej u għandu jiddikjara espressament jekk kandidat jissodisfax jew le l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Il-bord tal-għażla għandu jipprovdi raġunijiet għall-opinjoni tiegħu. Fl-eventwalità li l-kandidati nominati ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-istess regola tipprevedi li l-bord tal-għażla għandu, permezz tas-segretarjat tiegħu, jitlob li l-Istat Membru kkonċernat jinnomina għadd korrispondenti ta' kandidati ġodda.

- (7) Bħala eċċezzjoni għat-tieni paragrafu tar-Regola VI.2 u għat-tieni paragrafu ttar-Regola VII.2 tar-regoli ta' ħidma, jenħtieġ li l-bord tal-għażla jkollu l-possibbiltà li jippreżenta l-opinjoni motivata tiegħu lill-Kunsill dwar żewġ kandidati eliġibbli biss meta jkun stabbilit b'mod suffiċjenti li jkun oġġettivament impossibbli għal Stat Membru, minħabba fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali f'dak l-Istat Membru, li jsib it-tielet kandidat eliġibbli fi żmien raġonevoli, minkejja li jkun għamel l-isforzi kollha meħtieġa biex jagħmel dan. Jenħtieġ li l-bord tal-għażla jagħmel użu mill-possibbiltà biss jekk kandidat jirtira n-nomina tiegħu jew jinstab li ma jkunx eliġibbli mill-bord tal-għażla u meta dak l-Istat Membru jkun diġà nnomina kandidat ġdid tal-anqas darba qabel f'konformità mar-Regola VI.2 jew VII.2. F'sitwazzjoni bħal din, jenħtieġ li l-bord tal-għażla jkun jista' jissottometti lill-Kunsill l-opinjoni tiegħu dwar żewġ persuni nominati eliġibbli, u l-Kunsill jenħtieġ li jkun jista' jipproċedi għall-ħatra fuq il-bażi ta' lista b'żewġ kandidati eliġibbli biss.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696 tiġi emendata skont dan.
- (9) Sabiex ikun żgurat il-bidu f'waqtu tal-attivitajiet tal-UPPE, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fir-Regola VII.2 tal-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696, jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara t-tieni paragrafu:

“B'eċċezzjoni għat-tieni paragrafu ta' dan il-punt u t-tieni paragrafu tar-Rgola VI.2, fejn ikun stabbilit b'mod suffiċjenti li jkun oġġettivament impossibbli għal Stat Membru, minħabba fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali f'dak l-Istat Membru, li jsib it-tielet kandidat eliġibbli fi żmien raġonevoli, minkejja li jkun għamel l-isforzi kollha meħtieġa biex jagħmel hekk, il-bord tal-għażla jista', wara li jikkonsulta lill-Istat Membru kkonċernat u billi jagħti raġunijiet suffiċjenti, jipprova l-opinjoni motivata tiegħu lill-Kunsill dwar żewġ kandidati eliġibbli biss.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President